TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 57/19/F

**Charlene u Martin Dimech**

**vs**

**Mario Abela eżerċenti l-kummerċ bħala Abela Woodworks**

Illum, 11 t'Ottubru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 ta' Mejju, 2019 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef, u ħames mitt Ewro (€3,500), rappreżentanti danni li sarilhom fuq dawn it-twieqi minħabba l-ingress ta' l-ilma wara li għamlet ix-xita.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta,

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' intimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw bibien u twieqi mingħand id-ditta ntimata u dan minkejja li twaħħlu, kull meta kienet tagħmel ix-xita, kien jidħol l-ilma. Illi minkejja diversi rimedji, xorta baqa' jidħol l-ilma. Ir-rikorrenti qed jitlob sabiex isiru *louvres* a spejjeż tad-ditta ntimata sabiex tissolva din il-problema.

L-intimat issottometta illi għamel xogħlu skond is-sengħa u l-arti, għamel ir-*rubber* kif ukoll għamel il-ħadid, u li jidħol l-ilma mhux it-tort tiegħu.

It-Tribunal, jinnota li meta tordna x-xogħol speċjalment xogħol ta' barra, għandu jkun komplut, fis-sens illi ma jidħolx l-ilma, għax jidher li hemm xi difetti, li l-ilma dieħel minn x'imkien. Is-soluzzjoni li qed jitlob ir-rikorrenti hija waħda mis-soluzzjonijiet li jistgħu jeżistu, pero' hija żgur l-iktar soluzzjoni għolja.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500), u bl-ispejjeż jiġu supportati mill-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888